**KUNSILL LOKALI BORMLA** **IS-SITT KUNSILL**

**MINUTI** **SEDUTA NRU. 30**

**IT-ĦAMIS 4 T' AWISSU, 2011**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' biex ikompli l-laqgħa ta' nhar il-Ħamis 28 ta' Lulju, 2011, fis-6.30 ta' fil-għaxija fl-Uffiċċju Amministrattivi tal-Kunsill.

**IT-TIENI SEDUTA**

**PREŻENTI (Ħames Kunsillieri )**

**Is-Sindku** Joseph Scerri, **il-Viċi Sindku** Alison Zerafa u **l-Kunsilliera** Raymond Balzan, John Vella u Pablo Cachia Belli.

Is-Segretarju Eżekuttiv, is-Sur Joseph Caruana.

Skużat: Is-Roderick Mamo (peress li kien fuq xogħol tal-Kunsill)
Assenti: Is-Sur James Cauchi (skuża li ma ġietx aċċettata mill-Kunsill)

**TALBA**

**Is-Sindku Joseph Scerri** qal it-talba.

**30**/01 **<u>Xogħolijiet Oħra</u>**

**30/01/01 Konfini bejn Bormla u l-Birgu**

Is-Sindku informa l-kunsilliera dwar il-laqgħa li saret mad-Direttur Ġenerali tal-MRRA dwar il-konfini bejn Bormla u l-Birgu preċiżament dwar xogħolijiet li se jsiru fi Triq it-8 ta' Diċembru.

Is-Sindku qal li kien aċċertat mid-Direttur Ġenerali, il-Perit Raymond Farrugia li l-iżvilupp se jsir sas-*central* strip ta' Triq it-8 ta' Diċembru. It-toqob ta' l-arblu ta' Bormla u tal-festa se jerġu jsiru f'posthom eżatt b'*superimposition.*

Hu kompla jġħid li l-proġett mhux se jwaqqfuh issa. Is-Sindku ħa l-opportunita' fejn talab lill-MRRA biex tiġi rranġatha ix-Xgħajra ta' Bormla għax mhux ħaġa flokha li min jgħaddi minn Triq it-8 ta' Diċembru fuq naħa jara s-sbuħija tal-proġett il-ġdid u fuq in-naħa l-oħra jara l-kruha tax-Xgħajra.

Il-Kunsilliera preżenti approvaw unanimament il-proposti msemmija

**30/01/02 Tribali Show**

Fuq propsta tas-Sindku issekondata mis-Sur John Vella, il-kunsill approva unanimament li jorganizza *show* mill-group Tribali f'Bormla. Sar qbil li ninkarigaw lis-St. George's F.C. biex flimkien mal-Kunsill Lokali jorganizzaw dan is-*show*. Il-kontribut tal-Kunsill se jkun ta' €1000.

**30/01/03 Xogħolijiet ta' Toroq**

Il-Kunsill unanimament approva li nitolbu l-perit stima ta' resurfacing ta' Suq Bonnici u ta' bankina fi Triq ir-Regatta. Sar qbil li nwaħħlu U-Channels fejn ikun hemm bżonn.

**30/01/04 Sur Santa Liena**

Il-Kunsill approva li tintbagħat ittra lir-residenti ta' Sur Santa Liena biex naraw jekk humiex ta' l-opinjoni li l-parti d-dejqa ta' din it-triq tingħalaq għat-traffiku

**30/01/05 Grounds Peppi Delceppo**

Is-Sindku fakkar lill-kunsilliera li l-Grounds Peppi Delceppo kienu saru bi *Private Partnership Agreement* bejn il-kunsill u Vassallo Builders Group, fejn l-art ġiet provduta mill-kunsill u x-xogħolijiet saru minn Vassallo Builders, li żamm il-maġġoranza tal-bord bi tliet rappreżentanti filwaqt li t-tnejn huma tal-kunsill. Fil-bidu l-ispejjeż tad-dawl ta' l-*area* tal-attivitajiet sportivi kienu jitħallsu mill-*partnership* filwaqt li issa qed jitħalllsu mill-operatur taċ-ċentru.

Issejjaħ l-operatur biex jagħmel il-kummenti tiegħu fejn qal li hu nvesta madwar €30,000 f'apparat ġdid li tinkludi *swimming pool* temporanja li ġiet armata għas-sajf biex tpatti għan-nuqqas ta' dħul iġġenerat mill-attivitajiet tal-futbol li ovvjament tonqos fil-ġranet tas-sajf. Hu qal li fil-*pool* isiru attivitajiet sportivi bħal *volleyball, swimming* u *waterpolo* ikkowċjati minn *coach* speċjalizzat u b'esperjenza fil-Kanada. Il-maġġoranza tal-klijenti huma tfal mill-Kottonera u l-operatur stieden lill-kunsilliera biex jattendu waqt l-attivitajiet biex jivverifikaw dan.

L-operatur kien diġa tkellem ma' Vassallo Builders li ma sab l-ebda oġġezzjoni filwaqt li kien talab lill-kunsill għall-estensjoni tal-kuntratt li l-kunsill kien irrifjuta.

Il-kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni li jsiru attivitajiet edukattivi fl-isports f'wieħed mill-grounds u avża lill-operatur biex ma jkunx hemm ħsejjes eċċessivi li jdejqu lir-residenti

**30/01/016 Pjazza fi Triq l-Inkurunazzjoni**

Fuq proponiment tas-Sur Raymond Balzan id-dħul għall-pjazza ta' quddiem l-għassa jkun jista jsir biss minn faċċata ta' Triq l-Iljun u l-ħruġ isir minn quddiem l-għassa.

Il-kunsill approva unanimament.

- Il-kunsillier Pablo Cachia Belli ħareġ fit-8.15pm

**30/01/07** **Kuntratt mal-ARMS dwar il-ġibjuni**

Il-kunsill unanimament approva li jiġi ffirmat il-kuntratt mal-ARMS dwar il-ġibjuni filwaqt li tiżdied din il-klawsola:

> "Tul is-seħħ ta' dan il-ftehim, il-Korporazzjoni għandha tagħti l-għajnuna u l-pariri tekniċi u esperti tagħha lill-Kunsill bla ħlas biex dawn il-ġibjuni jinżammu skont kif mitlub mil-Liġi Maltija u r-regolamenti ta' l-Unjoni Ewropeja. In konnessjoni ma' dan, il-Korporazzjoni hi fid-dmir li tul l-eżistenza ta' dan il-ftehim tgħin lill-Kunsill Lokali fl-akkwist ta' fondi finanzjarji u/jew għajnuna teknika/professjonali (eż. Mill-Unjoni Ewropeja) biex il-ġibjuni u l-ilma ta' ġo fihom jinżammu fl-aħjar stat possibli."

**30/01/08** **Attivita' ta' Ottubru**

Il-Kunsill approva li għal attivita' ta' Ottubru isir kunċert fil-Knisja Kolleġġjata ta' Bormla biss anke' jekk nitilfu l-għajnuna finanzjarja tal-MTA.

**30/01/09** **Ksur tal-liġi tal-etika**

Is-Sindku ikkundanna l-aġir tal-kunsillier James Cauchi għax apparti l-kunsill m'għandu x'jaħbi xejn, kull email li qed jibgħat is-sur Cauchi qed tiġi ikkuppjata lis-segretarju parlamentari Dr. Chris Said, lid-Direttur Ġenerali u lid-Direttur tal-Gvern Lokali. Dan huwa ksur tal-liġi tal-etika skond is-Sindku.

**30/01/10** **Uniformijiet ta' l-impjegat tal-Kunsill**

Fuq mozzjoni tas-sindku issekondata mill-viċi-sindku l-kunsill approva li jinxtraw l-uniformijiet ta' l-impjegati għax-xitwa li ġejja.

**30/01/11** **Maħżen fi Triq il-Ġublew tal-Fidda ((05/3034/11/IN)**

Il-Kunsill unanimament approva li ninfurmaw lill-fergħa tad-Devoluzzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment li l-Kunsill għandu l-interess li jikri l-art kif ukoll l-istore fi Triq il-Ġublew tal-Fidda għal skopijiet ta' ħażna.

Fit-8.30pm, il-laqgħa ġiet dikjarata magħluqa.

| | |
|---|---|
| ________________ | ________________ |
| Joseph Scerri | Joseph Caruana |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |